# *In-Niċċa ta' Sant'Anna*

*minn Anthony Piscopo*

Bla ghadd huma n-niċeċ u statwi li naraw fit-toroq ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Dawn insibuhom fi pjazez, f'toroq sekondarji, u oħrajn f'toroq principali bħal dik li għandna mal-pilastru tas-sur fuq in-naħa tal-lemin int u tielgħa t-telgħa tal-Bieb tal-Bombi.

F'din in-niċċa hemm ix-xbieha ta' Sant'Anna, omm il-Madonna li għaliha hi msemmijja kemm il-pjazza fejn hemm il-vaska bl-iljun fuqha kif ukoll it-triq tul il-logog li twasslek sa ħdejn il-monument tal-gwerra.

Minn quddiem din in-niċċa jgħaddu eluf u eluf ta' karozzi kuljum, telgħin u niżlin u allura nħalli għall immaginazzjoni ta' min qed jaqra kemm nies ikun hemm go fihom li jsellmu lill din ix-xbieha. Isellmu lill Sant'Anna sa ftit żmien ilu kien hemm ukoll il-kuċċiera tal-karozzini li f'waqt li jkunu herġin mil-Belt kienu jwaqqfu ż-żwiemel tagħom biex ilissnuxi talba ckejkna.

Din in-niċċa fi Frar li ghadda ghalqet seba' u erbgħin sena li żżanżnet mal-pilastru tas-sur li semmejt. Il-kwadru li jinsab fin-niċċa impitter fuq it-tila juri x-xbieha ta' Sant'Anna mil-qadd `il fuq qed tħaddan lill bintha ckejkna (il-Madonna) li tidher bil-wieqfa fuq banketta kif tidher f'dan ir-ritratt.



Mhux magħruf min pitter il-kwadru, iżda jingħad li kien tħallas minn Kavallier Franċiż madwar mitejn u seba' u ħamsin sena ilu.

Fi żmien il-Gran Mastru Perellos, li fl-1721 bena l-ewwel Bieb tal-Bombi, l-inħawi kienu kollha trunċieri u l-pilastru li semmejt għal dak ta' faċċata tiegħu kien hemm mina magħrufa bhala l-"mina ta' Sant'Anna għax mal-ħajt kien hemm niċċa b'dan l-istess kwadru go fiha.

Meta l-Gvern Ingliż, fl-1868, bena it-tieni Bieb kienet tqaċċtet il-mina u nbniet niċċa ġdida mal-ħajt tas-sur fuq ġewwa fejn hemm il-monuent ta' Dante Alighieri.

Ftit wara l-gwerra, fl-1948, missieri Carmelo Piscopo beda jieħu ħsieb din in-niċċa billi filgħaxija mid-dar kien imur b'sellum u b'lumin f'tazza taż-żejt jixghela fil-fanal li kien poġġa quddiem din in-niċċa. Dan il-lumin f'din it-triq imdallma kien jispikka biex ifakkar li warajħ hemm in-niċċa msemmija.

F'kull sena fil-festa tagħha ħija u jien konna ngħinu lill missieri billi niksu l-ħajt ta' madwar in-niċċa bit-tazzi taż-żejt kif dari kienu jinxtgħelu l-faċċati tal-knejjes meta f'Malta ma kienx hawn il-*luceletrika*. Ħaġa bħal din kienet ġibdet ħafna nies Furjanizi u mhux biex iżuru in-niċċa b'din il-mixgħela l-ewwel darba wara l-gwerra fil-Furjana.

L-ewwel darba li din in-niċċa nxtgħelet b'dawl elettriku kien dawl proviżorju fil-festa tagħha fis-26 ta' Lulju 1955 meta s-Sur Deġiorġio li dak iż-żmien kellhu l-gabbana f'tarf il-bankina qabel taqbad in-niċċa ġentilment kien tana l-kurrent. Kien hawn li missieri beda jitħabat biex in-niċċa tibda tinxtgħel b'dawl elettriku li kien iżżanżan fil-festa tagħha tas-sena 1958.

In-niċċa mal-ħajt fuq ġewwa tas-sur avolja mgħammra b'dawl elettriku xorta waħda kienet imwarrba u xewqet missieri kienet li ssir niċċa ġdida mal-pilastru tas-sur fuq barra. Għal dan il-għan, kien tkellem mas-Sur Anġelo Żarb, għalliem il-Liceo li kien joqgħod il-Furjana li talbu jgħamillu suġġeriment fil-gazzetta 'il-Furjana' biex in-niċċa tinħareg mal-pilastru tas-sur fuq barra. Dan is-suġġeriment kien deher f'dik il-gazzetta li semmejt. Vol. 1 - No.6. Għal din l-idea ta' missieri ħadem ħafna għaliha il-Kunsill Ċiviku tal-Furjana ta' dak iż-żmien u ma nqastx jien ukoll b'kitbieti meta fil-5 ta' Frar 1955 bdejt nikteb fil-gazzetti.

Missieri kien aktar tħeġġeġ biex issir din in-niċċa gdida ħalli tkun aktar taħt għajnejn in-nies minħabba d-diżabitat li kienet fih. Fil-lejl ta' l-aħħar ta' Novembru u l-bidu ta' Diċembru 1958 xi ħadd mhux magħruf kien attakka n-niċċa bi tfiegħ tal-ġebel li kien kisser il-ħġieġ tal-kwadru u l-bozoz bis-shades ta' madwar in-niċċa. Gimgħa wara, dan il-vandaliżmu kien reġa rrepeta ruħu.
Ħadd ma seta jgħid jekk sitt xhur wara. f'Ġunju 1959, kienetx l-istess id vandala li reġgħet attakkat in-niċċa, din id-darba b'mod differenti meta xi ħadd fid-dalma tal-lejl tefa' ħabel b'ingassa min fuq is-sur bl-iskop li jqaċċat id-dekorazzjonijiet kollha ta' l-elettriku, tant li l-ħabel bl-ingassa mas-sebħ instab imdendel mal-bozoz għal-isfel.

Fi żmien li kienet qed tinbena n-niċċa mal-pilastru fuq barra tas-sur, missieri kien talab lill-Mużew ta' l-Arti biex jirrestawraw il-kwadru u fi Frar 1960 in-niċċa ta' Sant'Anna bdiet tiffunzjona fejn hi illum mal-pilastru tas-sur fl-iktar triq prinċipali ta Ġziritna.
Taħt in-niċċa hemm lapida li tgħid:
" l-E.T. l-Arcisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta Fra Paul Alferan fit-13 ta' Marzu 1750, ta 40 ġurnata Indulġenza għal kull min jirreċita 'Salve Reġina' quddiem din ix-xbieha"
Flok missieri għal dawn l-aħħar 31 sena konsekuttivi, din in-niċċa baqa' jieħu ħsieba ħija Pawlu Piscopo li xi drabi wħud mid-devoti ta' din il-qaddisa jfittxuħ biex jixgħellhom in-niċċa bħala ħajr ta' xi grazzja li jkunu qalgħu bl-interċessjoni tagħha. Fost id-devoti lejn din il-Qaddisa wieħed isemmi lill Dun Ġorġ Preca, illum inqimuħ bħala Beatu Ġorġ Preca.

Meta qabel il-Konċilju Vatikan II il-quddies kien isir fl-artali tal-ġnub, fil-festa titulari ta' San Publju kienu jiġu ħafna saċerdoti u Reliġjuzi jqaddsu fil-knisja tagħna fosthom Dun Ġorġ Preca li kien ikun irid iqaddes fl-artal ta' Sant'Anna ma ġenb in-nicca l-antika ta' San Publju. Jien li qed nikteb darba kelli x-xorti li bħala abbati ngħinu l-quddiesa li dak iż-żmien kienet tiġi ċċelebrata bil-Latin. Meta Dun Ġorġ kien jgħaddi min quddiem in-niċċa ta' Sant'Anna kien iħobb ilissen din il-frażi: " X'xorti kellha dik Sant'Anna li l-Bambin sejħila nanna"


In-niċċa armata għall-okkażżjoni tal-Festa tagħha nhar l-Erbgħa 26 ta' Lulju tas-sena l-oħra.

Dun Ġorġ kien miet fil-festa ta' Sant'Anna fis- 26 ta' Lulju 1962 bl-għajta li kien 'Miet Qaddis' u dalwaqt jgħalaq 45 sena fil-mistrieħ ta' dejjem u jinsab viċin ħafna li ma jdumx ma jiġi ddikkjarat Qaddis.

Midway Tyre Service TAL -KAMU
FOR ALL KINDS TYRES AND BATTERIES
VAT Reg. No. MT 1761-7237
MDINA ROAD, ZEBBUG
Tel: 21 462985 Fax: 21 461932 Mob: 9949 0252, 9947 4365
AURORA